MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 113/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Agius**

Kumpilazzjoni Numru: 113/2011

Illum 4 ta’ Gunju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Agius**, iben Carmel u Mary neé Cauchi, imwieled nhar il-21 ta’ Marzu 1992 u joqghod 8, Triq il-Qronfol, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 15792(G), akkuzat talli nhar it-30 ta’ Dicembru 2010, ghal

habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ filghaxija (16.30hrs) gewwa Triq Sannat, Ghawdex:

1. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HBG 568 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz;

2. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, habat ma’ vetturi bin-numri tar-registrazzjoni EAA 253 u GKJ 030 u ghaldaqstant ghamel hsara, jew hassar jew gharraq l-imsemmija vetturi bil-konsegwenza illi zewg persuni soffrew offizi, wahda minnhom ta’ natura gravi;

3. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Miroslav Bagdanov kif cceritifika Dr. M. Portelli u ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joline Cutajar skond kif iccertifika Dr. M. Saliba M.D.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 69) datata 5 ta’ Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta’ Dicembru 2012 (*a fol.* 70), l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-*parte civile* Miroslov Bagdanov, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 54) jiddikjara li huwa kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u semghetu jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Semghet lill-*parte civile* tiddikjara, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, li hija ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tallum, lix-xhud prodott mid-difiza.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi prodotti u mill-atti processwali, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati gew pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------